**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Maria Mifsud**

*versus*

**Vincenzo Mifsud**

**Separazzjoni Personali — Sevizji — Eċċessi — Minaċċi — Inġurji Gravi — Maħfra.**

*Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti li jistgħu jirrendu l-ħajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizji. Ix-xenħa, il-ġelożija, il-lussurja, il-privazzjoni tal-mara mill-libertà onesta, il-kommunikazzjoni ta' ċertu mard provenjenti mill-iżregolatezza, li r-raġel ma jħallix lill-martu toħroġ lanqas biex tmur għand uliedha miżżewġin, u li jqabbad lil ħadd ieħor jagħmlilha l-għassa meta hija qatt ma tagħtu motiv ta' suspett raġjonevoli fuq il-kondotta tagħha, huma kollha materji li jidħlu taħt il-kawżali tas-sevizji.*

*Is-swat, mbgħad, u l-"vie di fatto" fuq il-mara, li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew stat soċjali, ċertament jikkostitwixxu eċċessi, meta jiġu adoperati mingħajr ebda motiv raġjonevoli jew mingħajr provokazzjoni.*

*L-inġurji gravi ma ġewx speċifikatament deżinjati mid-dottrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza tal-Imħallfin sabiex jivvalutawhom. U ċertament, li r-raġel jgħid lill-mara li hija għandha wiċċ ħadd ieħor li, għalkemm mhux imsemmi speċifikatament, huwa faċilment identifikabbli, hija nġurja gravi li tweġġa' l-qalb u tirrendi l-konvivenza konjugali diffiċli.*

*Il-minaċċi jistgħu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-każ ta' nies ta' ċertu ċetu soċjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taċċettahom bħala raġuni u motiv ta' firda personali; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jagħmilhom jidher li*

*hu kapaċi jikkunsmahom, allura ndubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni.*

*Jekk il-mara tkun ħafret lill-żewġha s-swat li hu kien uża kontra tagħha, hija tista' tirrinvanga dak l-istess swat jekk l-istess jiġi ripetut u hija tippromwovi kawża ta' separazzjoni personali kontra tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li l-konvenut irrenda ruħu kolpevoli versu l-instanti ta' swat, theddid, moħqrija u nġurji gravi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija tiġi ordnata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali tal-instanti mill-konvenut, u jiġu applikati l-effetti msemmija fl-art. 56, 57 u 58 rispettivament tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher li l-attriċi qegħdha titlob il-firda personali mill-konvenut żewġha għar-raġunijiet ta swat, moħqrija, theddid u nġurji gravi;

Illi l-kontendenti huma soċjalment ta' klassi baxxa il-ġenituri tagħhom it-tnejn kienu bejjiegħa tal-ħalib u raħħala. Il-konvenut jaħdem bħala skilled labourer id-Dockyard u jrabbi annimali . . . . . ;

Il-kwereli tal-attriċi huma xi uħud minnhom ta' antika data, maħfura, imma mill-ġdid ripetuti dawn l-aħħar sitt xhur, u oħrajn ċirkoskritti u limitati għal dawn l-aħħar sitt xhur. L-attriċi tilmenta minn żewġha li dejjem jerfa jdejgħ fuqha, u darba taha b'nerv tal-bhejjem u għamlilha offiżi personali, tant li rrapportatu u ġie mħarrek mill-Pulizija, imma meta dehru l-Qorti ħafritlu. Dawn l-aħħar sitt xhur, però, raġa refa aktar minn darba jdejgħ fuqha, u għajjarha li hija għandha wiċċ ħadd ieħor; ma jridhiex toħroġ mid-dar, jidgħi, u ġie li ħareġ is-sikkina jew mus miftuħ għaliha, ressqu lejn il-persuna tagħha u

heddiha bih, bla ma però ta segwitu għall-minaċċi tiegħu. L-attriċi ammettiet li hija kienet tgħidlu li huwa raġel ħażin, kelb, u li ma riedetx toqgħod miegħu. Huwa kien ukoll, barra milli jinfamaha ma' ħaddieħor bla ma jsemmieħ, imma li jispeċifikah b'mod ieħor li bniedem jista' jifhem min huwa, l-istess konvenut kien jipparaguna lilha ma' nisa oħra, li ħdejha kien jgħid li huma qronfla;

Ikkunsidrat;

Illi ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti negattivi li jistgħu jirrendu l-ħajja komuni nsopportabbli huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizji (ara Chardon, Trattato della Potestà Maritale, para. 57 u ta' wara). Infatti, tant il-bniedem iraxxibbli u irruwenti, kif ukoll dak flemmatiku malvaġju jew depravat, jistgħu t-tnejn, fl-isferi tagħhom ta' azzjoni jew inazzjoni, jirrendu l-ħajja supplizju kontinwu. Ix-xħieħ, il-ġeluż, il-lussurjuż, dak li jippriva lill-martu mil-libertà onesta, il-kommunikazzjoni ta' ċertu mard provenjenti mill-iżregolatezzi, huma kollha materji li jidħlu taħt il-kawżali tas-sevizji. Il-fatt kontinwat li l-konvenut ma jħallix lill-martu toħroġ, lanqas biex tmur għand uliedha l-miżżewġin, mingħajr ma jagħmlilha xenata, jew anki juża "vie di fatto" fuqha, ċertament jikkostitwixxi sevizja. Barra minn dan, il-konvenut, skond l-attriċi, kien ukoll jidgħi u jitkellem diżonest quddiem it-tfal żgħar. Hija sevizja wkoll li l-konvenut iqiegħed lil ħaddieħor jagħmlilha l-għassa meta hija ma kienet qatt tagħtu motiv ta' suspett raġjonevoli fuq il-kondotta tagħha;

Illi l-fatt li bniedem miżżewweġ juża fuq il-mara swat jew "vie di fatto", li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew stat soċjali, l-għaliex jikkostitwixxu brutalità, għal ebda motivi raġjonevoli u bla provokazzjoni, ċertament jikkostitwixxu eċċessi. Fil-każ in diżamina, f'aktar minn okkażżjoni waħda il-konvenut sawwat lill-martu, u darba minnhom uża fuqha nerv tal-bhejjem u għamlilha offiżi personali, u kkaġunalha ħruġ ta' demm mill-feriti riportati u nterruzzjoni tal-kontinwità tal-ġilda. Huwa minnu li f'din l-okkażżjoni l-attriċi rrapportatu u l-konvenut ġie mħarrek mill-Pulizija, u in segwitu ħafritlu; imma wara

dik il-maħfra, u f'dawn l-aħħar sitt xhur, dawn l-eċċessi rripetew ruħhom; u kwindi l-attriċi, skond il-liġi, kellha dritt, in forza ta' dawn l-aħħar attijiet vjolenti fuq il-persuna tagħha, tirrinvanga dik l-offiża personali li fuq isemmiet. Ma għandux jiġi minsi li, a differenza tas-sevizji, minaċċi u nġurji gravi, li biex ikunu kawża valida għall-firda personali jridu jkunu ripetuti, għall-eżistenza u validità tal-eċċessi fil-kawżi in parola l-uniċità tal-att hija sufficjenti. Kif fuq intqal, dawn l-eċċessi kienu anki ripetuti; ma kienx il-każ ta' att solitarju, li kien ikun jiġġustifika dan il-motiv;

Illi l-inġurji gravi lanqas mid-dottrina ma ġew speċifikatament deżinjati, u l-karattru ġenerali tagħhom ġie mħolli dejjem fil-kuxjenza u sagaċja tal-Imħallfin sabiex jivvalutawhom. Fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, ċertament l-inġurja lanċjata mill-konvenut lill-attriċi, li hija għandha wiċċ bniedem ieħor innominat, imma deżinjabbli ndirettament kif ukoll li jgħidilha li nisa oħra huma qronfla ħdejha, jikkostitwixxu nġurji ta' ċerta gravità li jweġġgħu l-qalb u jirrendu l-konvivenza komuni diffiċli, jekk mhux impossibbli. Huwa minnu li f'dan il-kamp l-attriċi ammettiet li f'ċerti okkażżjonijiet irreaġiet; imma r-reazzjoni tagħha, apparti li ma kienetx "per sè" timporta ritorċiment ta' nġurji ugwalment gravi u serji, kienet suġġerita mill-provokazzjoni, b'mod li l-portata u valutazzjoni tagħhom hija ferm ta' anqas piż;

Illi dwar il-minaċċi, li jista' jagħti l-każ meta jkunu "di azione" u gravi, li jistgħu jidħlu taħt il-motiv tal-eċċessi, l-għaliex il-linja ta' demarkazzjoni bejn motiv u ieħor hija sottili ħafna, jistgħu jkunu verbali jew reali u materjali. Dwar il-verbali jingħad li, jekk ikunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu susseguiti mill-azzjoni, għal nies taċ-ċetu tal-kontendenti, ma jawtorizzawx lill-Qorti taċċettahom bħala raġuni u motiv ta' separazzjoni (ara Chardon, opera ċitata, para. 56, Parte VI); imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jagħmilhom jidher li huwa kapaċi li jikkunsmahom, allura għandhom indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni, l-għaliex jattentaw għall-ħajja ta' min jissubihom;

Illi fil-każ in diżamina, mill-preċedenti tal-konvenut, li kien effettivament sawwat lill-martu b'nerv tal-bhejjem, il-fatt li xi ftit tliet darbiet heddidha bil-mus miftuħ u ressaq l-istess mus lejn il-persuna u l-għonq tagħha, konsiderando li nies tal-kwalità u drawwiet tal-konvenut jistgħu jaslu għal biex jikkompletaw l-azzjoni tagħhom b'effett, l-attijiet deskritti mill-attriċi f'dan il-kamp jikkostitwixxu minaċċi ta' ċerta serjetà u gravità valevoli għall-azzjoni ta' firda personali;

Illi kwindi l-konvenut kien ħati fil-konfronti tal-attriċi ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u nġurji gravi;

Ikkunsidrat;

Illi bħala effett ta' din il-ħtija tal-konvenut, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-konvenut għandu jkollu, skond l-art. 59 tal-Kodiċi Ċivili, il-perdita totali tal-jeddijiet menzjonati fl-art. 56 tal-istess Kodiċi;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, billi teħles lill-attriċi mill-obligu tal-koabitazzjoni, u dan minħabba tortijiet tal-konvenut għar-raġunijiet ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u nġurji gravi, bl-applikazzjoni kontra l-konvenut tal-effetti ndikati fl-art. 59 tal-Kodiċi Ċivili menzjonati fl-art. 56 tal-istess Kodiċi fuq imsemmi; tikkundanna lill-konvenut iħallas bħala rata alimentarja lill-attriċi mil-lum stess . . . . ; u fl-aħħarnett tavda lit-tfal minuri kollha, kompriż Antonio Mifsud, lill-attriċi bid-dritt lill-konvenut li jarahom salv dak li fuq intqal fil-każ li l-partijiet ma jkunux qablu fein u meta l-konvenut ikun jista' jara l-uliedu minorenni. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.